DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 161852** **01.09.2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Programm televiżiv ta' informazzjoni mtella' mill-Uffiċċju tal-Ispeaker***

Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016 fis-1.00pm l-istazzjon televiżiv tal-Parlament se jkun qed ixandar l-ewwel programm ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' din l-istess istituzzjoni. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa dak li ċ-ċittadin li jeleġġi l-Membri Parlamentari jsir aktar konxju tax-xogħol li jwettqu r-rappreżentanti tiegħu fil-Kamra tad-Deputati.

It-tema magħżula għal dan l-ewwel programm tikkonċerna l-mistoqsijiet parlamentari, li hija proprja l-ewwel proċedura li tibda biha kull seduta parlamentari u li sservi bħala għodda ta' skrutinju mill-istess membri fuq il-ħidma tal-eżekuttiv.

Biex jipprovdu din l-informazzjoni se jkunu qed jieħdu sehem l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia flimkien mal-*whips* taż-żewġ gruppi parlamentari Godfrey Farrugia u David Agius.

Waqt l-istess programm se tkun qed tingħata informazzjoni wkoll dwar proġett li se jitnieda fil-futur qarib u li qed jitħejja b'kollaborazzjoni mad-*Department of Intelligent Computer Systems*, fil-fakultà tal-ICT tal-Università ta' Malta.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt